

Paġna ewlenija>Teħid ta' azzjoni legali>Fejn u kif>**Spejjeż**

Spejjeż

Litwanja

Din il-paġna tipprovdi informazzjoni dwar l-ispejjeż ġudizzjarji fil-Litwanja.

[Liġi tal-familja - Divorzju](#)

[Liġi tal-familja - kustodja tat-tfal](#)

[Liġi tal-familja - manteniment](#)

[Liġi kummerċjali - kuntratt](#)

[Liġi kummerċjali - responsabbiltà](#)

Regolamentazzjoni tad-drittijiet tal-professjoni legali

1. Solicitors (avukati li ma jidhrux il-qorti)

Ma hemmx din tip ta' professjoni fil-Litwanja.

2. Avukati

Id-drittijiet tal-avukati mhumex regolati fil-Litwanja. Dawn iwarjaw skont il-livell tal-kumplessità tal-każ u tar-riżorsi involuti. Madankollu, id-drittijiet ma jistgħux ikunu ogħla mill-ammont massimu stabbilit b'rakkomandazzjonijiet approvati mill-**Ministru tal-Ġustizzja** u **c-Chairman tal-Kunsill tal-Assoċjazzjoni tal-Avukati tal-Litwanja (Lietuvos advokatų tarybos pirmininkas)**.

3. Barristers (avukati li jidhru l-qorti)

Ma hemmx din tip ta' professjoni fil-Litwanja.

4. Bailiffs (uffiċċjal ġudizzjarju)

Il-bailiffs għandhom rwol biss jekk id-debitur ma jikkonformax mas-sentenza u jridu jiġu prodotti dokumenti eżegwibbli bil-liġi. L-ammont, il-flus ta' u l-eżenzjoni mill-ispejjeż tal-eżekuzzjoni huma regolati mill- **Istruzzjonijiet għall-Eżekuzzjoni tas-sentenza**. L-ispejjeż tal-eżekuzzjoni kollha jridu jiġu pagati mill-kreditur skont is-sentenza. Id-drittijiet tal-bailiff jiġu rkuprati mid-debitur waqt jew wara l-eżekuzzjoni tas-sentenza.

L-ammont tad-drittijiet jiddependi fuq it-tip ta' eżekuzzjoni mitluba u n-numru ta' drabi li tiġi pprovduta. Xi spejjeż tal-infurzar huma fissi: uħud iqumu LTL 60 fis-siegħa u xi wħud huma determinati fuq bażi ta' perċentwali tal-valur tal-assi taħt eżekuzzjoni.

Spejjeż fissi

Spejjeż fissi fi proċedimenti ċivili

Spejjeż fissi għal-litiganti fi proċedimenti ċivili

L-ispejjeż tal-litigazzjonijiet fi **proċeduri ċivili** jikkonsistu fil-boll u spejjeż oħra: rappreżentazzjoni, notifika ta' dokumenti tal-qorti, drittijiet tal-esperti, attestaturi /xhieda, eżekuzzjoni, eċċ. Il-boll huwa, f'ċerti każi, definit fil-kodiċi ta' proċedura ċivili u huwa fiss. L-ispejjeż tal-litigazzjonijiet huma definiti f'taqsima VIII tal-**kodiċi ta' proċedura ċivili** (Civilinio proceso kodeksas).

Stadju tal-proċediment ċivili li fih l-ispejjeż fissi għal-litiganti jridu jiġu pagati

Il-boll normalment jiġu pagati qabel ma tiġi ppreżentata t-talba l-qorti.

Spejjeż fissi fi proċedimenti kriminali

Spejjeż fissi għal-litiganti fi proċedimenti kriminali

M'hemmx spejjeż fissi għal-litiganti fi proċedimenti kriminali.

Spejjeż fissi fi proċedimenti kostituzzjonali

Spejjeż fissi għal-litiganti fi proċedimenti kostituzzjonali

Il-proċedimenti kostituzzjonali huma mingħajr flus, imma mhumex disponibbli għall-pubbliku b'mod ġenerali.

Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta minn qabel mir-rappreżentanti legali

M'hemmx din it-tip ta' obligazzjoni diretta taħt il-liġi.

Spejjeż involuti li jiġu mħallsa mill-parti rebbieħa

L-ispejjeż fi proċedimenti ċivili huma definiti f'taqsima VIII tal-kodiċi ta' proċedura ċivili.

Sorsi tal-ispejjeż

Fejn nista' nsib informazzjoni dwar is-sorsi tal-ispejjeż fil-Litwanja?

Aktar informazzjoni hija disponibbli fl-anness [Studju dwar il-Litwanja fir-Rapport dwar it-Trasparenza tal-Ispejjeż](#)  (950 Kb) .

F'liema lingwi nista' nakkwista informazzjoni dwar is-sorsi tal-ispejjeż fil-Litwanja?

L-informazzjoni hija disponibbli bl-Ingliż.

Fejn nista' nsib informazzjoni dwar il-medjazzjoni?

Aktar informazzjoni hija disponibbli fuq is-sit-elettroniku: [Proċedura tal-medjazzjoni ġudizzjarja](#)

Għajnuna legali

Kondizzjonijiet għall-ġotja ta' għajnuna legali

Skont il-leġiżlazzjoni Litwana, hemm żewġ tipi ta' għajnuna legali garantita mill-istat:

"Għajnuna legali primarja" (pirmine teisine pagalba) tkopri il-proviżjoni ta' għajnuna legali skont il-proċedura stabbilita mil-Liġi li tirregola l-għajnuna legali, l-parir legali u l-abbozzar ta' dokumenti li għandhom jiġu sottomessi lil istituzzjonijiet statali u muniċipali, bl-eċċezzjoni ta' dokumenti proċedurali, garantiti mill-istat. L-għajnuna legali tkopri ukoll parir għar-riżoluzzjoni ta' tilwima barra mill-qorti, azzjonijiet għar-riżoluzzjoni amikevoli ta' tilwim u l-abbozzar ta' ftehim ta' riżoluzzjoni.

"Għajnuna legali sekondarja" (antrine teisine pagalba) tkopri l-abbozzar ta' dokumenti, difiża u rappreżentazzjoni fil-qorti. Din tinkludi l-proċess ta' eżekuzzjoni u rappreżentazzjoni matul l-istadju preliminari extra-ġudizzjarju ta' tilwima – fejn din it-tip ta' proċedura tkun meħtieġa bil-liġi jew b'deċiżjoni tal-qorti. L-għajnuna legali tkopri ukoll l-ispejjeż tal-litigazzjoni li jirriżultaw minn proċedimenti ċivili, l-ispejjeż li jirriżultaw minn proċedimenti amministrattivi, u l-ispejjeż relatati mas-smieġh ta' kawża ċivili mqajma f'każ kriminali.

lċ-ċittadini kollha tar-Repubblika tal-Litwanja, ċ-ċittadini ta' stati membri oħra tal-Unjoni Ewropea, persuni naturali oħra li joqgħodu legalment il-Litwanja jew stati membri, u persuni oħra speċifikati fi trattati internazzjonali li għalihom il-Litwanja hija firmatarja huma eliġibbli **għall-għajnuna legali primarja irrispettivament mid-dħul tagħhom**.

lċ-ċittadini kollha tar-Repubblika tal-Litwanja, ċ-ċittadini ta' stati membri oħra tal-Unjoni Ewropea u persuni naturali oħra li joqgħodu legalment fir-Repubblika tal-Litwanja jew stati membri oħra jistgħu japplikaw għall-għajnuna legali sekondarja. Biex wieħed jirċievi l-għajnuna legali sekondarja, **il-proprietà u d-dħul annwali tal-persuna ma jridx jaqbeż il-livelli ta' proprietà u ta' dħul stabbiliti mill-gvern** fil-Liġi li tirregola l-għajnuna legali garantita mill-istat.

Għalhekk sistema ta' limitu komuni hija użata meta tiġi eżaminata l-indiġenza (ammont massimu li taħtu applikant jitqies li huwa fil-bżonn).

Intitolament għall-għajnuna legali

Il-gvern stabbilixxa **żewġ livelli ta' proprietà u dħul** li japplikaw. Il-proprietà u d-dħul tal-applikanti m'għandhomx jaqbeż l-ewwel jew it-tieni livell definiti mil-liġi. Barraminhekk, id-dħul nett annwali tal-applikanti (matul l-aħħar tnaħ-il xahar) m'għandux jaqbeż l-ewwel jew it-tieni livelli ta' dħul definiti fil-liġi Litwana.

L-indiġenza m'hijex l-uniku kriterju użat biex tiġi determinata l-abbiltà ta' persuna li tirċievi l-għajnuna legali sekondarja.

L-ewwel livell ta' intitolament għall-għajnuna legali huwa stabbilit meta d-dħul ta' persuna kull sena ma jaqbeżx Litus 8,000 (€2,318.8) flimkien ma' Litus 3,000 (€869.6) għall kull persuna dipendenti. **It-tieni livell** ta' intitolament għall-għajnuna legali huwa stabbilit meta d-dħul ta' persuna kull sena ma jaqbeżx Litus 12,000 (€3,478.2) flimkien ma' Litus 4,400 (€1,275.3) għal kull persuna dipendenti. L-obbligazzjonijiet tal-applikant lejn il-persuni dipendenti tiegħu jew tagħha mhumiex meqjusa għall-iskop tal-eżaminazzjoni tal-indiġenza.

L-ammont ta' għajnuna legali sekondarja, wara li jitqiesu l-proprietà u d-dħul ta' persuna, ikun garantit u kopert mill-istat kif ġej:

100 fil-mija – fejn l-ewwel livell ikun stabbilit fuq bażi tal-proprietà u d-dħul tal-persuna

50 fil-mija – fejn it-tieni livell ikun stabbilit fuq bażi tal-proprietà u d-dħul tal-persuna.

L-istat għandu jiggarrantixxi u jkopri 100 fil-mija tal-ispejjeż tal-għajnuna legali sekondarja pprovduta lil nies speċifikati f'artikolu 12 ta' din il-liġi (ara aktar 'l isfel). Din tiffallas mingħajr ma jitqiesu l-proprietà u d-dħul tal-persuna. L-eċċezzjoni hija nies (imsemmiha f'subparagrafu 6 ta' artikolu 12 tal-liġi) li jistgħu liberament jiddisponu mill-proprietà u d-dħul. Dawn huma assenjati lit-tieni livell. Hawnhekk, l-istat jiggarrantixxi u jkopri 50 fil-mija tal-ispejjeż tal-għajnuna legali sekondarja.

Xi gruppi ta' persuni huma eliġibbli għall-għajnuna legali sekondarja **irrispettivament mill-livelli ta' proprietà u ta' dħul** stabbiliti mill-gvern (taħt artikolu 12 tal-liġi dwar l-għajnuna legali garantita mill-istat):

Persuni fi proċedimenti kriminali (skont l-artikolu 51 tal-Kodiċi ta' proċedura kriminali), u f'każijiet oħra speċifikati bil-liġi meta l-preżenza fiżika ta' avukat tad-difiża tkun obligatorja

Il-vittmi f'każijiet li jinvolvu l-kumpens għad-danni sofferti minħabba azzjonijiet kriminali, inklużi każijiet fejn jinstemgħu talbiet għall-kumpens għad-danni bħala parti minn kwistjoni kriminali

Persuni li jirċievu l-assistenza soċjali għal familji bi dħul baxx (residenti waħedhom) taħt il-liġi Litwanjana

Persuni li jgħixu f'istituzzjonijiet ta' kura

Persuni kkonfermati li jsofru minn diżabbiltà severa; persuni li l-inkapaċità tagħhom għax-xogħol tkun ġiet rikonossuta; persuni li jkunu laħqu l-età tal-pensjoni, u dawk li fir-rigward tagħhom ikun ġie stabbilit livell ta' bżonnijiet speċjali konsiderevoli. Dan jinkludi il-gwardjani (kustodji) fejn l-għajnuna legali garantita mill-istat tkun meħtieġa għar-rappreżentazzjoni u difiża tad-drittijiet u l-interessi tal-persuna taħt kustodja (tifel/tifla taħt *fostering*)

Persuni li jkunu ppreżentaw evidenza li turi li ma jkunux jistgħu jiddisponu mill-proprietà u l-fondi tagħhom għal raġunijiet oġġettivi u li, għal dawn ir-raġunijiet, il-proprietà u d-dħul annwali li jkunu jistgħu jiddisponu minnhom liberament ma jaqbeżx il-livelli ta' proprietà u dħul stabbiliti fil-liġi li tirregola l-għajnuna legali

Persuni li jsofru minn diżordni mentali, meta kwistjonijiet relatati mar-rikoverta tagħhom fi spatar u t-trattament sfurzat jkunu qiegħdin jiġu kkunsidrati taħt il-liġi li tirregola l-kura tas-saħħa mentali. Dan jinkludi l-gwardjani (kustodji) tagħhom, fejn l-għajnuna legali garantita mill-istat tkun meħtieġa biex jiġu rappreżentati d-drittijiet u l-interessi ta' tifel/tifla taħt *fostering* (persuna taħt kustodja)

Debituri fi proċedimenti ta' eżekuzzjoni, fejn ikun ġie mfittex l-irkupru kontra l-aħħar post ta' residenza

Ġenituri jew rappreżentanti legali oħra ta' tfal minuri, fejn il-kwistjoni ta' żgumbrament tkun qiegħda tiġi kkunsidrata

Tfal minuri, meta japplikaw indipendentement f'qorti għad-difiża tad-drittijiet jew l-interessi tagħhom protetti minn u speċifikati fil-liġi. Dawk li jkunu żżewġu skont il-proċedura stabbilita bil-liġi jew ikunu ġew rikonossuti mill-qorti li jkollhom kapaċità legali huma esklużi

Persuni li jkunu legalment inkapaċitati fi kwistjonijiet li jinvolvu deċiżjoni dwar il-kapaċità ta' persuna naturali

Persuni involuti fi kwistjonijiet li jikkonċernaw ir-reġistrazzjoni tat-twelid

Persuni oħra fi kwistjonijiet iprovduti fit-trattati ffirmati mir-Repubblika tal-Litwanja.

Id-drittijiet tal-espert

Il-qorti trid tħallas lill-esperti għat-telf ta' dħul – fuq ix-xogħol jew mill-okkupazzjoni abitwali tagħhom – għal kull ġurnata li jkunu meħtieġa li jqattgħu 'l qorti.

Huma jiġu mħallsa tat-tweqqi ta' eżaminazzjoni rilevanti, u rrimborżati għal kwalunkwe spejjeż relatati ma' li jidhru l-qorti, transport u akkomodazzjoni, flimkien ma' allowance għall-għajxien ta' kuljum. Parti li tissottometti petizzjoni biex jiġu msejħa esperti trid tħallas **garanzija** għal ammont stabbilit mill-qorti minn qabel. Jekk iż-żewġ partijiet jissottomettu petizzjonijiet għal espert(i), huma jħallsu l-garanzija f'partijiet indaqs. Il-garanzija tiffallas fil-kont speċjali tal-qorti.

Jekk, f'każijiet iprovduti fil-**kodiċi ċivili** Litwan (Lietuvos Respublikos civilinis kodeksas) jew fl-iġġijiet oħra, il-**qorti ssejjaħ xhieda** (liudyotojai) **jew esperti** (ekspertai) **fuq inizzjattiva tagħha stess**, **l-ispejjeż għandhom jiġu mħallsa mill-baġit tal-istat**. Dan jista' jinvolvi l-ordni ta' eżaminazzjoni jew it-tweqqi ta' spezzjoni tax-xena ta' avveniment.

Meta jkun qiegħed jiġi stabbilit id-daqs tal-garanzija, l-ammont ta' spejjeż futuri għandu jiġi kkunsidrat. Il-qorti tħallas l-ammonti lill-esperti meta jkunu wettqu d-dmirijiet tagħhom. Il-qorti għandha ukoll tħallas lil istituzzjonijiet ta' esperti għat-tweqqi ta' eżaminazzjoni skont fattura ippreżentata wara li l-eżaminazzjoni tkun twestqet. Dawn l-ammonti jitħallsu mill-kont speċjali tal-qorti, miftuħ f'bank skont il-lokalizzazzjoni tal-qorti. L-ammonti mħallsa lill-esperti jew lill-istituzzjonijiet ta' esperti għandhom, meta ma tkun inġabret l-ebda garanzija, ikunu mħallsa mill-kont speċjali tal-qorti u **mħallsa mill-parti li s-sentenza tkun ġiet deċiża kontra, jew mill-partijiet proporzjonalment għad-daqs tat-talbiet sodisfatti jew rifjutati**. Il-**Ministeru tal-Ġustizzja** jistabbilixxi d-daqsijiet massimi ta' dawn l-ispejjeż.

Id-drittijiet tat-tradutturi u l-interpreti

Il-qorti tirrimborża t-tradutturi għat-telf ta' dħul – li jirriżulta mill-assenza tagħhom mix-xogħol jew mill-okkupazzjoni abitwali tagħhom – għal kull ġurnata li jkunu meħtieġa li jqattgħu 'l qorti. It-tradutturi għandhom jitħallsu għax-xogħol ta' traduzzjoni tagħhom, u rrimborżati għal kwalunkwe spejjeż li jkollhom sabieħ jidhru l-qorti, transport, akkomodazzjoni u allowance għall-għajxien ta' kuljum. Parti li tissottometti dokumenti l-qorti u tkun teħtieġ li jiġi tradotti f'lingwa barranija għandha tħallas minn qabel garanzija tal-ammont stabbilit mill-qorti.

Il-qorti għandha tħallas lit-tradutturi mill-fondi tal-baġit tal-istat allokati għal dan, barra ammonti mħallsa lit-tradutturi għal traduzzjoni f'lingwa barranija ta' dokumenti tal-qorti sottomessi mill-partijiet. L-ispiża ta' servizzi ta' interpretazzjoni/traduzzjoni matul is-seduta tal-qorti għandhom ikunu **koperti mill-baġit tal-istat**. Il-**Ministeru tal-Ġustizzja** stabbilixxa l-ammont massimu ta' din l-ispiża.

Dokumenti relatati

L-aħħar aġġornament: 07/04/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Studju ta' każ 1 – liġi tal-familja – divorzju - Il-Litwanja

F'dan l-istudju dwar il-liġi tal-familja – divorzju, l-Istati Membri ntalbu biex jinfurmaw lill-parti li tressaq it-talba għad-divorzju dwar l-ispejjeż tal-kawża sabiex jitqiesu s-sitwazzjonijiet li ġejjin:

Każ A – Sitwazzjoni nazzjonali: koppja tiżżewweġ. Wara jisseparaw u jaqblu li għandhom jiddivorzjaw.

Każ B – Sitwazzjoni transnazzjonali: Żewġ ċittadini mill-istess Stat Membru (Stat Membru A) jżewwġu. Iż-żwieġ jiġi ċċelebrat fi Stat Membru A. Wara ż-żwieġ, il-koppja tmur tirresjedi u taħdem fi Stat Membru ieħor (Stat Membru B), fejn huma jistabbilixxu residenza. Ftit wara, il-koppja tissepara, bil-mara tmur lura lejn l-Istat Membru A u r-raġel jibqa' fl-Istat Membru B. Il-koppja jaqblu li għandhom jiddivorzjaw. Hekk kif tasal lura fi Stat Membru A, il-mara mal-ewwel tiftaħ kawża ta' divorzju quddiem il-qrati ta' Stat Membru B.

Spejjeż fil-Litwanja

Spejjeż għall-Qorti, Appelli u Riżoluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim

Studju ta' każ	Qorti		
	Drittijiet inizjali tal-qorti	Drittijiet ta' traskrizzjoni	Drittijiet oħra
Każ A	Il-konjuġi li jissottomettu petizzjonijiet biex ixolju ż-żwieġ b'konsens reċiproku huma eżentati mid-dritt uffiċjali f'każijiet li jinstemgħu minn qorti.	Il-parteċipanti fi proċediment iħallsu 10 Litas għal kopja ta' dokument tal-qorti, u 1 Litas għal kull paġna	Il-qorti tgħaddi l-ħlas tal-ispejjeż tal-litigazzjoni tal-parti li tirbaħ lill-parti opposta, anke jekk tal-aħħar tkun eżentata milli tħallas l-ispejjeż tal-litigazzjoni fil-fondi tal-istat.
Każ B	Persuni naturali jew legali barranin huma soġġetti għall-istess kondizzjonijiet ta' eżenzjoni, tnaqqis, proroga u skedar ta' ħlasijiet kif japplikaw għaċ-ċittadini Litwani.	L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali	L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali

Studju ta' Każ	Appelli		
	Drittijiet inizjali tal-qorti	Drittijiet ta' traskrizzjoni	Drittijiet oħra
Każ A	Il-konjuġi li jissottomettu petizzjonijiet biex ixolju ż-żwieġ b'konsens reċiproku huma eżentati mid-dritt uffiċjali f'każijiet li jinstemgħu minn qorti.	Il-parteċipanti fi proċediment iħallsu 10 Litas għal kopja ta' dokument tal-qorti, u 1 Litas għal kull paġna	Il-qorti tgħaddi l-ħlas tal-ispejjeż tal-litigazzjoni tal-parti li tirbaħ lill-parti opposta, anke jekk tal-aħħar tkun eżentata milli tħallas l-ispejjeż tal-litigazzjoni fil-fondi tal-istat.
Każ B	L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali	L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali	L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali

Studju ta' Każ	Riżoluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim	
	Din hija għażla disponibbli għal dan it-tip ta' każ?	Spejjeż
Każ A	Iva, wara li l-essenza tat-tilwima tiġi identifikata f'seduta preliminari, il-qorti toffri liż-żewġ partijiet l-opportunità li jaslu għal ftehim ta' kompromess aċċettabbli reċiprokament u għalhekk jirriżolvu l-każ b'mod amikevoli.	Mingħajr ħlas
Każ B	L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali	L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali

Spejjeż tal-avukat, tal-bailiff u tal-espert

Studju ta' Każ	Avukat	
	Ir-rappreżentazzjoni hija mandatorja?	Spejjeż medji
Każ A	Ir-rappreżentazzjoni ta' avukat mhijiex obligatorja	Ara t-taqsimha dwar ir-Regolamentazzjoni tad-Drittijiet tal-Professjoni Legali aktar 'il fuq
Każ B	L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali	L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali

Studju ta' Każ	Bailiff		
	Ir-rappreżentazzjoni hija mandatorja?	Spejjeż ta' qabel is-sentenza	Spejjeż ta' wara s-sentenza
			Irregolata mill-istruzzjonijiet dwar l-eżekuzzjoni tas-sentenzi. L-ispejjeż għandhom jiġu rkuprati mingħand id-debitur.

Każ A	Le	Le. Il-bailiffi jkollhom rwol biss wara l-ħruġ tal-ordnijiet ta' eżekuzzjoni.	L-ammont jiddependi fuq it-tip ta' eżekuzzjoni u l-kwantità ta' azzjonijiet ta' eżekuzzjoni – l-ispejjeż jistgħu jkunu fissi, 60 Litax kull siegħa jew perċentwali tal-valur tal-oġġett(i) rilevanti
Każ B	L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali	L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali	L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali

Studju ta' Każ	Espert		
	L-użu huwa mandatorju?		Spiża
Każ A	Il-qorti tista' taħtar espert jew esperti għal kwistjonijiet li jeħtieġu għarfien speċjali fix-xjenza, fil-mediċina, fl-arti, fl-inġinerija jew fis-sinjura, soġġett għall-opinjoni tal-parteċipanti fil-proċediment.		Għandha tiġi garantija minn qabel ta' ammont stabbilit mill-qorti mill-parti li tagħmel ikt-talba. Il-gvern jew istituzzjoni awtorizzata tistabbilixxi l-ispejjeż massimi. Il-qorti tgħaddi l-ħlas tal-ispejjeż tal-litigazzjoni tal-parti li tirbaħ lill-parti opposta, anke jekk tal-aħħar ikun eżenti milli jgħallas l-ispejjeż tal-litigazzjoni fil-fondi tal-istat.
Każ B	L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali		L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali

L-ispejjeż għall-kumpens tax-xhieda, għal rahan jew garantija u drittijiet oħrajn rilevanti

Studju ta' Każ	Kumpens għax-xhieda		Rahan jew garantija		Drittijiet oħra	
	L-xhieda jiġi kumpensati?	Spiża	Dan jeżisti u meta jeżisti kif jintuża?	Spiża	Deskrizzjoni	Spiża
Każ A	Iva, l-ammonti mħallsa lix-xhieda jidiedu mal-ispejjeż konnessi mas-miġjiet tal-każ	Ara t-taqsimha dwar id-Drittijiet tal-Esperti aktar 'il fuq.	Ara t-taqsimha dwar id-Drittijiet tal-Esperti aktar 'il fuq.	Il-qorti trid tikkunsidra s-sitwazzjoni materjali tal-parti li tghallas. L-ammont jiddependi fuq in-natura tal-azzjoni proċedurali u ma jistax jaqbeż 100,000 Litax	Spejjeż oħra jinkludu: 1) l-ispejjeż ta' post; 2) it-tiftix tal-konvenut; 3) in-notifika ta' dokumenti tal-qorti; 4) l-issodisfar tas-sentenza tal-qorti; 5) rimborż għax-xogħol ta' kuratur; 6) oħrajn kif neċessarju u raġonevoli	Ara t-taqsimha dwar l-Esperti aktar 'il fuq. L-ispejjeż għal tiftix ta' konvenut għandhom jiġihallu mill-parti li tkun talbet tiftix jew mill-qorti. Ara t-taqsimha dwar id-Drittijiet tal-Bailiffs Tutur għandu d-dritt li jirċievi ħlas għar-rappreżentazzjoni b' konformità mad-drittijiet u l-proċedura stabbilita mill-gvern jew l-istituzzjonijiet awtorizzati tiegħu. L-ispejjeż ta' rappreżentazzjoni jiġihallu mill-parti li fuq inizzjattiva tagħha jkun inħatar tutur, li għandha tghallas l-ispejjeż ta' rappreżentazzjoni tiegħu jew tagħha minn qabel.
Każ B	L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali	L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali	L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali	L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali	L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali	L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali

Spejjeż għall-għajjuna legali u rifużjonijiet oħra

Studju ta' każ	Għajjuna legali		
	Meta u taħt liema kundizzjonijiet hija applikabbli?	Meta huwa totali s-sostenn?	Kundizzjonijiet?
Każ A	L-għajjuna legali primarja tista' tintalab kif deskritt fit-taqsimha dwar l-Għajjuna Legali aktar 'il fuq. L-għajjuna legali sekondarja hija eliġibbli taħt il-kundizzjonijiet imniżżla fit-taqsimha dwar l-Għajjuna Legali aktar 'il fuq.	L-istat jigarantixxi 100% tal-ispejjeż tal-għajjuna legali primarja. L-ispejjeż tal-għajjuna legali sekondarja jikkunsidraw il-proprietà u d-dħul tal-persuna (ara t-taqsimha dwar l-Għajjuna Legali aktar 'il fuq)	Persuni li jkunu jixtiequ li jirċievu l-għajjuna legali primarja jistgħu japplikaw fl-istituzzjoni eżekuttiva ta' muniċipalitá, skont il-post dikjarat ta' residenza. Persuni li jkunu jixtiequ jirċievu l-għajjuna legali sekondarja għandhom japplikaw b'dokumenti li jissostanzjaw it-talba u li jippruvaw l-eligibbiltá għall-għajjuna legali sekondarja.
Każ B	L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali	L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali	L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali

Studju ta' każ				
	Tista' l-parti rebbieħa tikseb rifużjoni tal-ispejjeż tal-kawża?	Jekk ir-rifużjoni mhix totali x' perċentwali tkun iġenerali?	Liema spejjeż qatt ma jiġu rifużi?	Hemm xi drabi fejn l-għajnuna legali għandha tiġi rifuża lil xi organizzazzjoni li tagħti għajnuna legali?
Każ A	Il-partijiet li jaslu għal kunsens reċiproku għad-divorzju huma eżenti mill-ispejjeż tal-litigazzjoni.		L-ispejjeż tal-għajnuna legali garantita mill-istat u dawk tad-debitur fil-proċess ta' eżekuzzjoni.	Fejn il-proviżjoni ta' għajnuna legali sekondarja tkun imwaqqfa għar-raġunijiet imsemmija fis-subparagrafi 1, 2 u 6 tal-paragrafu 1 tal-artikolu 23 tal-liġi. L-ispejjeż jistgħu jiġu rkuprati mingħand il-persuna li tkun għet ipprovduta lilha skont il-proċedura stabbilita bil-liġi. Fejn il-benefiċċji tal-assigurazzjoni jitħallsu wara l-ispejjeż, l-ispejjeż tal-għajnuna legali sekondarja għandhom jiġu rifużi lill-baġit tal-istat fi żmien xahar mill-flas tal-benefiċċju tal-assigurazzjoni skont il-proċedura stabbilita mill-Ministru tal-Ġustizzja. Fejn persuna tonqos milli tirrifondi dawn l-ispejjeż, għandhom jiġu rkuprati skont il-proċedura legali. Fejn tkun għet ipprovduta l-għajnuna legali sekondarja (subparagrafu 6 tal-artikolu 12 tal-liġi) imma fejn iċ-ċirkostanzi jinbidlu (subparagrafu 1 tal-paragrafu 2 tal-artikolu 11) l-persuna għandha tirrifondi l-ammont tal-għajnuna legali sekondarja fil-baġit tal-istat fi żmien il-limitu ta' żmien stabbilit mis-servizz. Jekk jonqsu milli jagħmlu dan, l-ispejjeż jiġu rkuprati skont il-proċedura legali meħtieġa Meta 50% perċentwali tal-ispejjeż tal-għajnuna legali sekondarja jkunu koperti, u applikant jonqos milli jħallas is-sehem tiegħu jew tagħha ta' 50% perċentwali tal-ispejjeż ta' proċedimenti ċivili jew amministrattivi fi żmien il-limiti ta' żmien meħtieġa, il-każ jista' jitwaqqaf mingħajr mal-qorti tiegħu deċiżjoni fuq il-mertu tal-kwistjoni, u l-applikant għandu jirrifondi l-ispejjeż tal-għajnuna legali sekondarja pprovduta fi żmien il-limiti ta' żmien stabbiliti mis-servizz. L-istat ikun rappreżentat mis-servizz tal-għajnuna legali.
Każ B	L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali	L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali	L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali	L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali

Spejjeż għat-traduzzjoni u l-interpretazzjoni

Studju ta' każ	Traduzzjoni		Interpretazzjoni		Spejjeż oħra speċifiċi għal tilwim transkonfinali?	
	Meta u taħt liema kundizzjonijiet huma neċessarji?	Spiża approssi-mattiva?	Meta u taħt liema kundizzjonijiet huma neċessarji?	Spiża approssimattiva?	Deskrizzjoni	Spiża approssi-mattiva?
Każ A	Id-dokumenti kollha tal-qorti u d-dokumenti annessi għandhom ikunu sottomessi l-qorti bil-lingwa tal-istat.	Parti, li d-dokumenti tal-qorti tagħha għandhom jiġu tradotti f'lingwa barranija, għandhom iħallsu minn qabel garanzija stabbilita mill-qorti biex ikopru l-ispejjeż tal-litigazzjoni. Jekk iż-żewġ partijiet jissottomettu petizzjonijiet, iż-żewġ partijiet iħallsu l-garanzija f'partijiet indaqs.	Persuni li ma jtkellmex il-lingwa uffiċjali, huma garantiti d-dritt għas-servizzi ta' interpretazzjoni /traduzzjoni matul il-proċedimenti.	Il-qorti għandha tħallas l-ammonti dovuti lill-interpreti /traduttori mill-fondi tal-baġit tal-istat.		

Każ B	L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali	L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali	L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali	L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali		
-------	--	--	--	--	--	--

L-aħħar aġġornament: 07/04/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabieq tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Studju ta' każ 2 – liġi tal-familja – kustodja tat-tfal - Il-Litwanja

F'dan l-istudju dwar il-liġi tal-familja – kustodja tat-tfal, l-Istati Membri ntalbu biex jinfurmaw lill-parti li tiftaħ il-kawża dwar l-ispejjeż tal-kawża sabieq jitqiesu s-sitwazzjonijiet li ġejjin:

Każ A – Sitwazzjoni nazzjonali: Żewġ persuni ilhom iġhixu flimkien għal għadd ta' snin, mingħajr ma żżewwġu. Għandhom wild ta' tliet snin meta jisseparaw. Deċiżjoni tal-qorti tagħti l-kustodja tal-wild lill-omm u dritt ta' aċċess għall-missier. L-omm tiftaħ kawża biex tillimita d-dritt tal-missier għall-aċċess.

Każ B – Sitwazzjoni transnazzjonali fejn inti avukat fi Stat Membru A: Żewġ persuni ilhom iġhixu flimkien għal għadd ta' snin fi Stat Membru (Stat Membru B), mingħajr ma żżewwġu, għal għadd ta' snin. Għandhom wild flimkien iżda jisseparaw immedjatament wara li l-wild jitwieled. Deċiżjoni tal-qorti fi Stat Membru B tagħti l-kustodja tal-wild lill-omm bi dritt ta' aċċess għall-missier. L-omm u l-wild imorru iġhixu fi Stat Membru ieħor (Stat Membru A) kif huma awtorizzati biex jagħmlu permezz tad-deċiżjoni tal-Qorti u l-missier jibqa' fi Stat Membru B. Wara tliet snin, l-omm tiftaħ kawża fi Stat Membru A biex tiddel id-dritt tal-missier għall-aċċess.

Spejjeż fil-Litwanja

Spejjeż għall-Qorti, Appelli u Riżoluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim

Studju ta' każ	Qorti			Appelli			
	Drittijiet inizjali tal-qorti	Drittijiet ta' traskrizzjoni	Drittijiet oħra	Drittijiet inizjali tal-qorti	Drittijiet ta' traskrizzjoni	Drittijiet oħra	
Każ A	Id-drittijiet uffiċjali f'każijiet li jinvolvu tilwim ta' ġenituri separati fuq il-kuntatt mal-wild huma 100 Lit. Il-qorti tista' taġġusta din billi tikkunsidra l-indiċi tal-prezz tal-konsumatur ta' kull erba' xhur (bħalissa – 132)	Il-parteċipanti fi proċediment iħallsu 10 Lit. għal kopja ta' dokument tal-qorti, u 1 Lit. għal kull paġna	Il-qorti tgħaddi l-ħlas tal-ispejjeż tal-litigazzjoni tal-parti li tirbaħ lill-parti opposta, anke jekk tal-aħħar tkun eżentata milli tħallas l-ispejjeż tal-litigazzjoni fil-fondi tal-istat.	Id-drittijiet uffiċjali f'każijiet li jinvolvu tilwim ta' ġenituri separate fuq il-kuntatt mal-wild huma 100 Lit. Il-qorti tista' taġġusta din billi tikkunsidra l-indiċi tal-prezz tal-konsumatur ta' kull erba' xhur (bħalissa – 132)	Il-parteċipanti fi proċediment iħallsu 10 Lit. għal kopja ta' dokument tal-qorti, u 1 Lit. għal kull paġna	Il-qorti tgħaddi l-ħlas tal-ispejjeż tal-litigazzjoni tal-parti li tirbaħ lill-parti opposta, anke jekk tal-aħħar tkun eżentata milli tħallas l-ispejjeż tal-litigazzjoni fil-fondi tal-istat.	
Każ B	L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali	L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali	L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali	L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali	L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali	L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali	

Studju ta' każ	Riżoluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim	
	Din hija għażla disponibbli għal dan it-tip ta' każ?	Spejjeż
Każ A	Iva, wara li l-essenza tat-tilwima tiġi identifikata f'seduta preliminari, il-qorti toffri liż-żewġ partijiet l-oportunità li jaslu għal ftehim ta' kompromess aċċettabbli reċiprokament u għalhekk jirriżolvu l-każ b' mod amikevoli.	Mingħajr ħlas
Każ B	L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali	L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali

Spejjeż tal-avukat, tal-bailiff u tal-espert

Studju ta' każ	Avukat		Bailiff		
	Ir-rappreżentazzjoni hija mandatorja?	Spejjeż medji	Ir-rappreżentazzjoni hija mandatorja?	Spejjeż ta' qabel is-sentenza	Spejjeż ta' wara s-sentenza
Każ A	Ir-rappreżentazzjoni ta' avukat mhux obligatorja	Ara t-taqsima dwar ir-Regolamentazzjoni tad-Drittijiet tal-Professjoni Legali aktar 'il fuq	Le	Le	Le. Il-bailiffs jkollhom rwol biss wara l-ħruġ tal-ordnijiet ta' eżekuzzjoni. L-ispejjeż tal-eżekuzzjoni: 60 Lit. li l-marixxall jista' jitolb f'kull każ ta' eżekuzzjoni, 200 Lit. għas-salarju tal-marixxall, u spejjeż oħra tal-eżekuzzjoni, skont it-tip u l-kwantità ta' azzjonijiet ta' eżekuzzjoni.

Każ B	L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali	L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali	L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali	L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali	L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali
-------	--	--	--	--	--

Studju ta' Każ	Espert	
	L-użu huwa mandatorju?	Spiża
Każ A	Il-qorti tista' taħtar espert jew esperti għal kwistjonijiet li jeħtieġu għarfien speċjali fix-xjenza, mediċina, arti, inġinerija jew snajja', soġġett għall-opinjoni tal-partecipani fil-proċediment.	Għandha tiġi għaranzija minn qabel ta' ammont stabbilit mill-qorti mill-parti li tagħmel ikt-talba. Il-gvern jew istituzzjoni awtorizzata tistabbilixxi l-ispejjeż massimi. Il-qorti tgħaddi l-ħlas tal-ispejjeż tal-litigazzjoni tal-parti li tirbaħ lill-parti opposta, anke jekk tal-aħħar ikun eżenti milli jħallas l-ispejjeż tal-litigazzjoni fil-fondi tal-istat.
Każ B	L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali	L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali

L-ispejjeż għall-kumpens tax-xhieda, għal rahan jew garanzija u drittijiet oħrajn relevanti

Studju ta' Każ	Kumpens għax-xhieda		Rahan jew garanzija		Drittijiet oħra	
	Ix-xhieda jiġu kkompensati?	Spiża	Dan jeżisti u meta jeżisti kif jintuża?	Spiża	Deskrizzjoni	Spiża
Każ A	Iva, l-ammonti mħallsa lix-xhieda jiġdiedu mal-ispejjeż konnessi mas-smiġħ tal-każ	Ara t-taqsimha dwar id-Drittijiet tal-Esperti aktar 'il fuq.	Ara t-taqsimha dwar id-Drittijiet tal-Esperti aktar 'il fuq.	Il-qorti trid tikkunsidra s-sitwazzjoni materjali tal-parti li tħallas. L-ammont jiddependi fuq in-natura tal-azzjoni proċedurali u ma jistax jaqbeż 100,000 Litus	Spejjeż oħra jinkludu: 1) l-ispejjeż ta' post; 2) it-tiftix tal-konvenut; 3) in-notifika ta' dokumenti tal-qorti; 4) l-issodisfar tas-sentenza tal-qorti; 5) rimborż għax-xogħol ta' kuratur; 6) oħrajn kif neċessarju u raġonevoli	Ara t-taqsimha dwar l-Esperti aktar 'il fuq. L-ispejjeż għal tiftix ta' konvenut għandhom jiġi mill-parti li tkun talbet tiftix jew mill-qorti. Ara t-taqsimha dwar id-Drittijiet tal-Bailiffs Tutur għandu d-dritt li jirċievi l-ħlas għar-rappreżentazzjoni b' konformità mad-drittijiet u l-proċedura stabbilita mill-gvern jew l-istituzzjonijiet awtorizzati tiegħu. L-ispejjeż ta' rappreżentazzjoni jiġi mill-parti li fuq inizzjattiva tagħha jkun inħatar tutur, li għandha tħallas l-ispejjeż ta' rappreżentazzjoni tiegħu jew tagħha minn qabel.
Każ B	L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali	L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali	L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali	L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali	L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali	L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali

Spejjeż għall-għajjnuna legali u rifużjonijiet oħra

Studju ta' Każ	Għajjnuna Legali		
	Meta u taħt liema kundizzjonijiet hija applikabbli?	Meta huwa totali s-sostenn?	Kondizzjonijiet?
Każ A	L-għajjnuna legali primarja tista' tintalab kif deskritt fit-taqsimha dwar l-Għajjnuna Legali aktar 'il fuq. L-għajjnuna legali sekondarja hija eliġibbli taħt il-kondizzjonijiet imniżżla fit-taqsimha dwar l-Għajjnuna Legali aktar 'il fuq.	L-istat jigarantixxi 100% tal-ispejjeż tal-għajjnuna legali primarja. L-ispejjeż tal-għajjnuna legali sekondarja jikkunsidraw il-proprietà u d-dħul tal-persuna (ara t-taqsimha dwar l-Għajjnuna Legali aktar 'il fuq)	Persuni li jkunu jixtiequ li jirċievu l-għajjnuna legali primarja jistgħu japplikaw fl-istituzzjoni eżekuttiva ta' muniċipalità, skont il-post dikjarat ta' residenza. Persuni li jkunu jixtiequ jirċievu l-għajjnuna legali sekondarja għandhom japplikaw b' dokumenti li jissostanzjaw it-talba u li jippruvaw l-eliġibbiltà għall-għajjnuna legali sekondarja.
Każ B	L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali	L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali	L-istess bħal fis-sitwazzjoni nazzjonali

Studju ta' Każ	Rifużjoni
	Liema spejjeż qatt ma jiġu rifużi?

	Tista' l-parti rebbieħa tikseb rifużjoni tal-ispejjeż tal-kawża?		Hemm xi drabi fejn l-ghajjnuna legali għandha tiġi rifuża lil xi organizzazzjoni li tagħti għajjnuna legali?
Każ A	Il-parti rebbieħa tista' tikseb rifużjoni tal-ispejjeż tal-litigazzjoni mingħand il-parti li tleff.	L-ispejjeż tal-ghajjnuna legali garantita mill-istat u dawk tad-debitur fil-proċess ta' eżekuzzjoni.	Fejn il-proviżjoni ta' għajjnuna legali sekondarja tkun imwaqqfa għar-raġunijiet imsemmija fis-subparagrafi 1, 2 u 6 tal-paragrafu 1 tal-artikolu 23 tal-liġi. L-ispejjeż jistgħu jiġu rkuprati mingħand il-persuna li tkun ġiet ipprovduta lilha skont il-proċedura stabbilita bil-liġi. Fejn il-benefiċċji tal-assigurazzjoni jiġihallu wara l-ispejjeż, l-ispejjeż tal-ghajjnuna legali sekondarja għandhom jiġu rifużi lill-baġit tal-istat fi żmien xahar mill-ħlas tal-benefiċċju tal-assigurazzjoni skont il-proċedura stabbilita mill-Ministru tal-Ġustizzja. Fejn persuna tonqos milli tirrifondi dawn l-ispejjeż, għandhom jiġu rkuprati skont il-proċedura legali. Fejn tkun ġiet ipprovduta l-ghajjnuna legali sekondarja (subparagrafu 6 tal-artikolu 12 tal-liġi) imma fejn iċ-ċirkostanzi jinbidlu (subparagrafu 1 tal-paragrafu 2 tal-artikolu 11) l-persuna għandha tirrifondi l-ammont tal-ghajjnuna legali sekondarja fil-baġit tal-istat fi żmien il-limitu ta' żmien stabbilit mis-servizz. Jekk jonqsu milli jagħmlu dan, l-ispejjeż jiġu rkuprati skont il-proċedura legali meħtieġa Meta 50% perċentwali tal-ispejjeż tal-ghajjnuna legali sekondarja jkunu koperti, u applikant jonqos milli jħallas is-sehem tiegħu jew tagħha ta' 50% perċentwali tal-ispejjeż ta' proċedimenti ċivili jew amministrattivi fi żmien il-limiti ta' żmien meħtieġa, il-każ jista' jitwaqqaf mingħajr mal-qorti tiegħu deċiżjoni fuq il-mertu tal-kwistjoni, u l-applikant għandu jirrifondi l-ispejjeż tal-ghajjnuna legali sekondarja pprovduta fi żmien il-limiti ta' żmien stabbiliti mis-servizz. L-istat ikun rappreżentat mis-servizz tal-ghajjnuna legali.

Spejjeż għat-traduzzjoni u l-interpretazzjoni

Studju ta' każ	Traduzzjoni		Interpretazzjoni	
	Meta u taħt liema kundizzjonijiet huma neċessarji?	Spiża approssimattiva?	Meta u taħt liema kundizzjonijiet huma neċessarji?	Spiża approssimattiva?
